Isla
Città Invicta

**Kunsill Lokali Isla**
Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com


# Rapport Annwali

# Amministrattiv

Jannar – Diċembru 2023

# Werrei

**1. Introduzzjoni** ........ 3
**2. Il-Kunsill** ........ 3
Il-Kunsill ........ 3
Organizzazzjoni ........ 4
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ........ 5
**3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali** ........ 6
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ........ 6
Xogħol u manuntenzjonijiet ........ 7
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv ........ 14

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 14 ta' Diċembru 2023 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta' xogħol. Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jżomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta' xogħolijiet li saru matul is-sena 2023 li ma kienux ftit, mhux biss ix-xogħol ma kienx ftit iżda anke l-isfidi.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista' jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjeż ta' kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal iżda din is-sena il-kunsill irnexxilu jikseb diversi skemi fejn dawn setgħu jgħinu l-kunsill sabiex iwettqu l-proġetti li kienu ppjanati.

## 2. Il-Kunsill

### *Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b'popolazzjoni ta' madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera, b'Sindku is-Sur Clive Pulis u Viċi-Sindku s-Sur Anthony Bonavia u tliet kunsilliera - is-Sinj. Joline Attard, is-Sur Malcolm Gatt u is-Sinj. Corinne Buhagiar .

Fis-sena 2023 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u l- iskrivan mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa. Dini s-sena ingħaqdu mal-Kunsill Lokali is-Sinj. Dorianne Gerada mill-kumpanija tal-RSSL u is-Sinj. Dinah Agius mill-kumpanija ta' Community Workers sabiex jaħdmu fl-amministrazzjoni. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## *Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



## *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli mill- fatturi, prova ta' pagamenti, irċevuti fiskali u skeda ta' pagamenti, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Sven Formosa responsabli minn ġbir ta' kwotazzjonijiet u ħidma relatata mal-Iskema ta' Norway Grants u rutina tal-uffiċċju. Is-Sinj Dorianne Gerada responsabli għar-relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju u is-Sinj. Dinah Agius responsabli ta' posta, relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Vince Stivala ħaddiem tal-RSSL li kien xufier mal-kunsill Lokali tal-Isla fejn kien isuq il-van tal-kunsill għal bżonnijiet tar-residenti kemm dawk mediċi kif ukol soċjali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju dan m'għadux mal-kunsill Lokali tal-Isla u issa il-persuna responabbli bħala xufier fuq il-bżonijiet tar-residenti kemm dawk mediċi kif ukol soċjali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju huwa is-Sur Joseph Rizzo.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Is-Sur Nathan Bonello - CMWS
- Is-Sur Sven Formosa -CMWS
- Is-Sinj. Rita Scicluna -CMWS
- Ivan Fava - CMWS
- Michael Azzopardi -CMWS
- Is-Sur Joseph Rizzo – CMWS
- Is-Sinj. Dinah Agius – CMWS – inaqdet mal-Kunsill Lokali fi Frar 2022
- Is-Sinj. Dorianne Gerada – RSSL - inaqdet mal-Kunsill Lokali fi Frar 2022

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

Wieħed jista' jara Rapport Finanzjarju 2023 u l-Estimi Finanzjarji ( Budjet ) 2024

## *Xogħol u manuntenzjonijiet*

### Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati

Matul l-2023, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jżomm aktar l-indafa fil-lettrini pubbliċi u żied aktar fin-nefqa tal-indafa għall-letrini pubbliċi u l-Ġnien tal-Gardjola u l-madwar. Il-ħaddiema tal-Kunsill is-Sur Ivan Fava, flimkien mas-Sur Michael Azzopardi u s-Sur Joseph Rizzo żebgħu sinjali tat-toroq, kif ukoll it-taraġ ta' Triq il-Miġja tal-Papa. Il-Kunsill lokali talab l-għajnuna mir-Reġjun sabiex jibgħat il-ħaddiema tar-reġjun sabiex iwettqu l-manutenzjonijiet fit-toroq, żebgħa fi Triq il-miġja tal-Papa. Is-Sur John Zammit baqa' jagħti s-sehem tiegħu fl-indafa bħala part-time għalkemm spiċċa minn mal-CWSF.

### Indafa

Il-Kunsill bħall kull sena iqabbad kuntrattur privat sabiex jitnaddfu l-culverts sabiex jiprapara dawn it-tappieri għal meta tagħmel ix-xita.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla qassam bieb bieb stickers bil-granet il-ġodda tal-ġabra tal-iskart. Ir-responsabilita tal-ġabra tal-iskart mid-djar hija taħt ir-responsabilta tar-Reġjuni min din is-sena. Il-Kunsill Lokali tal-Isla jaqa' taħt il-kappa tar-Reġjun Port, għalkemm ir-responsabilita' li jingabar l-iskart domestiku huwa taħt ir-Reġjun, il-kunsilli lokali għandhom id-dmir li jirrapurtaw in-nuqassijiet li jseħħu fil-lokal, il-pagament ta' dan is-servizz għadu jinħareġ mill-kunsilli lokali li jkun pagabli lir-Reġjun sabiex jitħallas il-kuntrattur mir-Reġjun. Is-Sinkdu flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal diversi laqgħat kemm mal-Waste Serv kif ukoll mad-dipartiment għall-gvern ċentrali, l-assoċjazzjoni tal-kunsilli u mar-Reġjun Port sabiex il-lokalita' tal-Isla tkun aktar nadifa.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla din is-sena ħa award bħala Runner Up fil- Waste Management fil-Malta Waste Reduction Awards premjati mill-Eco Hive. Fejn ingħata prmeju ta 2000 ewro li bihom inxtraw żewġ bankijiet minn materjal riċiklat u aktar ħamrija u pots għas-siġar u pjanti.

Din is-sena il-Kunsill ukoll ħa sehem fil-European week for Waste Reduction fejn flimkien mal-istudenti tal-iskola primarja żejnu fliexken tad-deterġent b'affarijiet riċiklati u tras-formawhom f'vażuni b' cuttings ta' pjanti.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla ipparteċipa wkoll flimkien mal-grupp tal-crafts sabiex tinħadem tinda magħmula minn materjal reċiklat u tintuża fil-jiem qliel tas-sajf f' triq partikulari fejn ikun hemm ħafna xemx, b'hekk wieħed jista jistrieħ għad-dell.

Fil-21 ta' Settembru 2023, il-Kunsill lokali ħa sehem fil-World Clean Up Day fejn attendew residenti lokali , kif ukoll residenti barranin sabiex tinżamm il-Belt tal-Isla nadifa, ta' dan il-kunsill applika għall-skema mehdija mill-Gvern Ċentrali fejn ingħata 1500 ewro. Il-Kunsill jirringrazzja lir-residenti tal-ħidma volontarja tagħhom.

F' Lulju 2023 saret *Clean Up Campagin - Sea Clean Up* biex il-baħar ta' madwar il-Belt tal-Isla jibqa sabiħ u nadif kemm jista' jkun. Ta' dan il-Kunsill Lokali jirringrazzja lil lil dawk kollha li kienu parti minn din l-attivita , inkluż il-Ministru Miriam Dalli ,Water Services Corporation , u din L-Art Ħelwa Mellieħa Volunteers u kif ukoll Parks Malta.

**Tabelli u Sinjali tat-Toroq**

Matul l-2023 il-Kunsill Lokali kompla l-ħidma ma Infrastructure Malta, Transport Malta, Water Service Corporation, Enemalta, Go plc u Melita plc sabiex jitkompla is-servizzi tat-Triq il-Vitorja mid-daħla tal-Isla sa San Filippu, Triq San Pietru u San Pawl u Triq D'homedes.

Il-Kunsill ordna diversi tabelli ta' ismijiet tat-toroq li kellhom bżonn jinbidlu minħabba xi ħsara li inqalgħu fuq dawn it-tabelli.

**Transport Malta**

Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal diversi laqgħat mat-Transport sabiex titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku ġewwa x-xatt tal-Isla. Transport Malta infurmaw il-kunsill li mill- 25 ta' Lujlu 2023 mis 7:00a.m. sa 2:30p.m. ser jkun hemm l-ufficjali biex jieħdu ħsieb it-traffiku fix-Xatt Juan B Azopardo, minħabba influss ta' *coaches* li jidġlu meta jkun hemm marbut Cruise Liner man-naħa tal-Isla.

Il- Kunsill Lokali għamel ftħiem ma' Transport Malta u tmexxija tal-Valletta Criuse Port li turisti biex jerġu jiġu lura għal Bolier Wharf fuq il-Criuseliner jiġu mix-xatt tal-Belt b' servizz tas-shuttle apposta.
L-ebda Xarabank ta' turisti ma' tista tidħol fix-Xatt Juan B Azopardo wara l-11:00a.m. saru tabelli barra id-daħla tal-Isla biex kulhadd ikun infurmat.
L-interess tal-Kunsill Lokali huwa li ma' jkunx hawn inkonvenjent fil-lokalita ' pero kulhadd għandu jifħem lix-xatt tal-Isla meta sar il-proġett fil-passat Bolier Wharf kienet tagħmel ma' Dockyard u ċertu vetturi kbar kienu jidħlu mid-Dockyard stess (min niżla ta' għajn Dwieli ) wara li Dockyard ġiet f' idejn il-privat parti mill moll ġie mogħti lil Transport Malta li jintuża għas-serviżżi tal-Baħar .
Diversi inkonvenjent mhux facli li jisolvu mil-ewwel minħabba x-xogħol infrastrutturali li sar bla ħsieb fix-Xatt tal-Isla. Il-Palumbo Shipyard hija kumpanija privata u Transport Malta hija entità tal-Gvern fuq il-moll stess hemm gate li tifred l-aċċess għal Bolier Wharf dan ma' jagħmel xejn faċli biex isir tip ta' ftehim.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2023, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tat-toroq.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma' l-istess kuntratturi tas-sena l-oħra fuq it-tizjin tad-dawl tal-Milied. Din is-sena il-Kunsill żied aktar dawl fuq is-siġra tal-Milied li intramat mill-ħaddiema tal-kunsill u l-grupp tal-crafts. Din is-siġra inxtgħelet b'attivita ħelwa fl-1 ta' Diċembru 2023 fejn kien mistieden kulħadd għal-mixgħela tas-siġra tal-Milied u dwal fit-toroq. Żdiedu aktar dwal fil-Pjazza 4 ta' Setembru sabiex din is-sena saret l-attivita Milied Fl-Isla imqassma fuq jumejn, fejn kien hemm baned, kant, artiġjanat, Father Christmas, ballon making u ħafna aktar.

**Proġetti u Relazzjonijiet Internazzjonali**

**Malta – Italja Geographic Show**

Il-Kunsill tal-Isla organizza quiz show bejn l-iskejjel kollha sekondarji fejn attendew għal dan il -quiz show ġewwa l-grawnd tal-futbol 21 skola. Kull skola kellhom grupp ta għaxar studenti, għalhekk kienu madwar 200 student fejn ingħataw sett ta' domandi dwar ir-Reġjuni ta' Malta u r-Reġjuni tal-Itlaja. L-Istudenti attendew bi ħġarhom flimkien mal-għalliema tagħħhom fejn kull skola ingħatat ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Ingħatat trophie u midalja għall kull student għall-ewwel, it-tieni u t-tielet post.

**SERVIZZ Mingħajr Ħlas Għar-residenti - Jannar 2023 – Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla, ffirmaw kuntratt ma' The Notebook Centre li permezz tiegħu, ir-residenti kollha tal-Isla jistgħu jibbenefikaw minn servizzi bħal formatting, tindif ta' kompjuters u laptops, tneħħija ta' viruses u installazzjoni ta' anti-viruses minn laptops u kompjuters eċċ. Sabiex wieħed jibbenefika minn din l-iskema kull ma jrid isir huwa li wieħed iżur il-ħanut ta' The Notebook Centre li jinsab fi Triq Bella Vista, San Ġwann u jipprezenta l-karta ta' l-identita biex juri li huwa resident tal-Isla.

Sabiex inkunu nistghu noffru dan is-servizz, il-Kunsill tal-Isla ħallas 2000 ewro.

**Jum L-Isla**

Din is-sena għal Jum l-Isla, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb jippublika dan il-ktieb bl-isem Tommaso Madiona u Sengleani oħra. Ktieb li jiffoka fuq persunaġġi Sengleani li għamlu ġieħ lil din il-Belt. Awtur huwa Fabian Mangion.

**Premju Ġieħ l-Isla 2023 ingħata lis-Sur Michael Pace**

BIJOGRAFIJA MICHAEL PACE:

Twieled fl-Isla, fi Triq Sant'Anna, fl-14 ta' Mejju 1932 minn Nikola u Ġużeppa mwielda Farrugia. Fl-istess jum, irċieva l-Magħmudija fil-Bażilika tal-Isla, mill-Kanonku Dun Ġużepp Bonanno, Arċipriet tal-Isla.

Fl-1947, meta kellu 14-il sena, daħal it-Tarzna bħala student u baqa' javvanza sakemm laħaq Ship Fitter. Fl-1957 għamel kors fl-Edukazzjoni Fiżika mal-International Federation of Physical Culture u b'hekk seta' japplika biex isir għalliem. Sadanittant, kien beda jgħallem l-edukazzjoni fiżika b'mod volontarju lill-borders tal-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu.

Fl-24 ta' Novembru 1958 beda jgħallem fl-Iskola Sekondarja Teknika San Ġużepp, Kordin. Bejn l-1961 u l-1962, kien fuq Scholarship tal-British Council fl-Edukazzjoni Fiżika fit-Teachers' Training Collage of Physical Education, Loughborough, fir-Renju Unit.Lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu fl-edukazzjoni, kien surmast ta' tlett skejjel: l-Iskola Primarja Tumas Dingli, Ħ'Attard; l-Iskola Sekondarja tas-Subien, Dun Karm Psaila, Ħaż-Żebbuġ u l-Iskola Primarja B, Birkirkara.

Fl-1993 irtira mis-servizz. Matul 35 sena ta' servizz, okkupa diversi rwoli ta' tmexxija fl-Edukazzjoni Fiżika. Kien saħansitra strumentali biex isseħħ bidla fin-natura tal-edukazzjoni fiżika mill-metodi tradizzjonali fuq stil militari, bbażat fuq drill, għal esperjenza aktar ħolistika li tippromwovi s-saħħa fiżika, mentali u soċjali. Sa minn meta kellu 14-il sena, kien jinteressa ruħu fit-training u għamel xi żmien jipprattika l-boxing. Fuq talba ta' missieru, fl-1951, ta' 19-il sena, telaq il-boxing u ingħaqad mal-Cottonera Barbell Club, fl-Isla, u beda jippratika l-isport għall-bodybuilding.

Kien rebbieħ ta' diversi kompetizzjonijiet lokali u internazzjonali tal-Muscle Control u l-Photo Physique. Kien wkoll fost numru żgħir ta' individwi li ħadmu qatigħ biex jiksbu riżorsi adegwati ħalli jippromwovu l-bodybuilding bħala dixxiplina sportiva, partikolarment fost iż-żgħażagħ. Huwa dam jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Club għal 65 sena u llum hu Membru Onorarju tal-istess Club.

Fl-1962 sar il-Kowċ Nazzjonali tal-Physically Disabled Rehabilitation Centre, Kordin, fuq bażi volontarja. Fi żmien meta l-isports għal persuni b'diżabilità kien għadu idea

ġdida, ħejja atleti biex jirrappreżentaw lil Malta waqt il-Logħob ta' Stoke-Mandeville għal persuni b'diżabilità fejn rebħu diversi midalji.

Il-ħidma tiegħu f'dan is-settur kienet tkun tmur lil hinn minn sempliċiment taħriġ fiżiku. Kien hemm persuni li twieldu b'diżabilità u oħrajn li għal xi raġuni jew oħra, eżempju b'aċċident,korrew serjament. Mentalment dawn tal-aħħar kienu jbagħtu ħafna. Peress li ħafna drabi t-taħriġ kien imur lil hinn mill-eżerċizzji fiżiċi, l-għan wara l-ħidma tiegħu kien li dawn in-nies jingħataw jew jakkwistaw dik il-kunfidenza li tilfu jew qatt ma rnexxilhom isawru kaġun tad-diżabilità. Huwa dam jagħti dan s-servizzi għal 57 sena. Fl-1984 kien trainer fil-gym tas-Sunny Coast Resort Spa tal-Qawra.Din il-kariga li dam iżomm għal 34 sena.

Fost l-unuri li rċieva hemm:
Sportsman of the Year mill-Malta Amateur weight Lifters Association fl-1967
Il-Premju tal-President għall-Volontarjat fl-2011
Il-Premju Anzjan tas-Sena fl-2013
Il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika

## Attivitajiet Kulturali

### Ħġejjeġ ta' San Ġwann – 23 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill organizza attività kulturali għal-ewwel darba fil-ġurnata tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann fejn kien hemm diversi attivitajiet bħal l-qari tal-bandu, annimazzjoi tal-kavallieri, baned, artiġjanat, karrozzi u muturi antiki, il-puluzija bl-esibizzjonin tal-kavalerija taż-żwiemel tal-puluzija u ħafna oħrajn.

### Skambju ta' Ġemelaġġ

Il-Kunsill tal-Isla żar il-pajjiż tal-Macedonia sabiex issir skambju mal-muniċipalita ta' Karpos, Sarai u Cair. Delegazzjoni min dawn il-muniċipalitajiet żaru Malta sabiex ikompli stħariġ biex issiru proġetti bejn Malta L-Isla u L-Macedonia ( Karpos, Sarai u Cair ).

F' Novembru il-Kunsill Lokali tal-Isla laqa' delegazzjoni mill-Macedonia – Skopje fejn ġie diskuss il-ħidma tal-Gvern Lokali f'Malta.

### Proponiment ta' Ġemelaġġ ma Vicovaro fl-Itlaja

Is-segretarju eżekuttiv qed tibgħat applikazzjoni wara li l-kunsill ġie mistieden mill-muniċipalita ta' Vicovaro sabiex issir ġemelaġġ bejnithom. Is-Segretarju eżekuttiv qed tibat rapport ta' kif iż-żewġ lokalitajiet affaċjaw it-tbatija, għalkemm b'modi differenti, matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

U l-vantaġġi li l-belt tal-Isla tista' tikseb rigward għarfien dwar l-attivitajiet sportivi tradizzjonali rispettivi li huma pjuttost differenti loi għandhom jitwettqu fis-sena 2024.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-opportunità li tippreżenta proġett Ewropew bl-isem ta' Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV) b'kollaborazzjoni mal-Muniċipalità ta' Santa Croce Camerina, bl-appoġġ tas-SEM - Servizzi Ewropej f'Malta. L-għan ewlieni tal-proġett huwa li jippromwovi l-valuri u d-drittijiet tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jiġu żviluppati soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi filwaqt li jsaħħaħ l-awtonomija taċ-ċittadini u jsaħħaħ l-ispazju Ewropew tal-ġustizzja.
Nirringrazzjaw lill-mużiċist Antonino Agnone għall-kontribut tiegħu biex jippromwovi l-Muniċipalità ta' Santa Croce Camerina bħala kandidat ideali għall-ġemellaġġ.

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Graziella Gellel iltaqgħu mal-President ta' Focus Europe, Giuseppe Cappai, u d-Direttur tagħha, Fabio Roccuzzo, li jokkupa wkoll il-kariga ta' Sindku ta' Caltagirone din il-laqgħa saret grazzi għall-medjazzjoni ta' Dr Ivana Legname responsabbli mill-iskambji kulturali u kummerċjali bejn Malta u l-Italja.

**Promoting Social Inclusion**

Il-Kunsill Lokali għaddej b'ħidma kontinwa dwar il-proġett ta' Promoting Social Inclusion in Isla fis-sala tal-kunsill. Il-Kunsill Lokali tal-Isla akwista chair lift u kċina ġdida bl-appart li hemm bżonn sabiex issiru sezzjonijiet biex jitnaqqas il-poverta u kulħadd ikun inkluż fid-dinja tax-xogħol. Saru sezzjonijiet sabiex l-anzjani jibqgħu attivi u inklużi fis-soċjeta. Is-sena dieħal ser issiru korsijiet kif wieħed għandu juża l-IT u ser jintużaw il-laptops li l-kunsill akkwista bil-fondi ta' Norway Grants, kif ukoll ser issiru sezzjonijiet ta' kif wieħed juża l-VR. Il-Kunsill akkwista għaxar Vr bil-fondi tal-iskema tan-Norveġja u ser ikun qed jimplimenta l-akkwisti għal xiri ta' mwejjed u siġġijiet ġodda, kif ukoll purtieri adekwati biex id-dawl ma jtellifx meta jintużaw il-projector, l-iscreen u smart Tvs li dawn ser jinxtraw bil-fondi tal-iskema Norveġiza li l-kunsill kien applika għalihom fl-2022.

**Erasmus +**

Bħal kull sena il-kunsill lokali tal-isla jospita grupp ta' edukaturi mill-Ewropa fejn jiltaqgħu ġewwa s-sala tal-kunsill tal-Isla għal-ġimgħa sħiħa fejn jiddiskutu l-edukazzjoni f'pajjiżżhom. Din id-darba dan il-grupp iltaqa' bejn is-7 u l-14 ta' Mejju 2023 fejn it-tema tas-suġġett kien *Facing Diversity.*

**Żgħażugħ li jirrappreżenta iż-żgħażagħ fil-kunsill tal-Isla.**

Iż-żgħażagħ huma l-preżent u l-futur tal-lokalitijiet ta' fejn jgħixu, għalhekk f'Ottubru is-Sur Matthew Farrugia inħatar bħala rappreżentatn li jirappreżenta liż-żgħażagħ Sengleani fejn ġie mistieden jitkellem jitkellem fil- Parlament Malti f' isem il-lokalita' tal-Isla.

**Restawr**

Xogħol ta' restawr li kien jinsab għaddej ġmielu fil-Mina tas-Sally Port f' dawn l-aħħar xhur , dan ix-xogħol gie mwiegħed mid-Direttorat tar-Restawr. Grazzi wkoll lill-Ministru Owen Bonnici u lil Restoration & Preservation Department tal-koperazzjoni sħiħa li tawna. Saru wkoll ir-restawr fuq is-swar fin-niżla għall -Boiler Wharf fejn din it-Triq ġiet imsemmija għall Nazzarenu Mifsud ex president tar-regatta klabb.

**Id-Daħla tal-Isla**

Kif kien ġie diskuss is-sena l-oħra ix-xogħol fuq il-Belveder u l-forti San Mikiel tlesta baqa' biss il-fażijiet finali għas-sena d-dieħla. Ix-xoghol fuq il-Forti San Mikiel ser jitlesta b'tali mod li jkun hemm aċċess għall-pubbliku u għat-turisti fejn jistgħu igawdu panorama mill-isbaħ tat-tlett ibliet.

Dan ix-xogħol sar minn Infrastructure Malta u ser jitkompla minn Triq il-Vitorja sa Triq San Lawrenz. Wara diversi laqgħat gie propost biex issir Triq San Pietru u San Pawl minn Triq il-Vitorja sa Triq iż-Żewġ Mini. Ser titkompla l-pjazza Benedittu XV quddiem ilknisja sal-Pjazza George Mittrovich. Ser issir aktar xogħol fid-daħla tal-Isla u fit-Triq 31 ta' Marzu. Fid-daħla tal-Isla fi Triq 31 ta Marzu ser issir proġett bit-titlu Smart Technologies b'hekk fi tmiem il-ġimgħa ser jitnaqqas il-volum ta' karrozzi li jgħaddu mix-xatt permezz ta' bollards eletroniċi u sistema kompjuterizzata li taraf in-numri talvetturi f'każ ta' emerġenza u residdenti li joqgħdu ix-xatt ikollom aċċess għad-dħul fixxatt fi tmiem il-ġimgħa.

## Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv

### Saħħa

Il-Kunsill Lokali organizza sezzjonijiet ta' Nutrizzjoni fis-sala tal-kunsill f' Jannar u f' Mejju 2023 sabiex wieħed jitgħallem x'għandu jiekol u jżomm dieta bilanċjata. Fix-xhur t' Ottubru u Novembru wkoll kien hemm sezzjonijiet għall-anzjani attivi. F'dawn is-sezzjonijiet ġew diskussi ta' kif wieħed għandu jieħu ħsieb saħtu, fosthom il-kura tas-saqajn, il-kura tal-għajnejn, dijabete u aktar. Dawn is-sezzjonijiet ġew iffinanzjati mil-fondi Norveġiżi li l-kunsill lokali kien applika għal dawn il-fondi fis-sena 2022.

F' Awissu saru sezzjonijiet ta' nformazzjoni dwar il-Mediċina Ċiniża, mtella' mill-Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Isla fejn ġie diskuss terapija fejn ikun hemm ugiegħ fil-muskoli.

### Soċjali – Attivitajiet – Ħarġiet

Il-Kunsill lokali organizza wirja fis-sala tal-kunsill għaż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira – Ġrajjet il-Fidwa Wirja Sagra għall-Ġimgħa mqaddsa. Xogħolijiet maħduma minn diversi artisti fosthom Salvu bonello, Alfred Magri, John Massa, Pawlu Muscat u Jeffrey Zarb. Għal ftuħ tal-Wirja attendiet għalija l-Onor. Segretarju Parlamentari is-Sinj. Alison Zerafa Civelli.

Fi żmien il-Għid il-Kunsill flimkien mal-grupp tal-crafts inawgura bajda tal-Għid u qasmu figolla kbira bl-arma tal-kunsill tal-Isla fi Pjazza 4 ta' Settembru flimkien mar-residenti u l-grupp ta' nisa li ħadmu bi ħgarhom matul is-sena biex dan il-proġett issir realta permezz il-volontarjat ta' dawn in-nisa fejn ħadmu mijiet ta' ċangaturi tas-suf bil-ganċ sabiex għamlu bajda tal-Għid mill-isbaħ, b'kuluri tar-rebbiegħa.

Matul is-sena saru diversi Weekend Breaks u ħarġiet fejn il-pool fil-granet qliel tas-sajf.

Il-kunsill ħabbar li ser issiru attivitajiet għal-żmien il-Milied.

Id-dawl tal-Milied ser jinxtgħel mill-1 ta' Diċembru 2023 sas-6 ta' Jannar 2024 din is-sena għalhekk il-Kunsill din is-sena nefaq aktar fuq il-konsum tad-dawl tal-Milied. U l-applikazzjoni tad-dawl u għat-tieni sena konsekuttiva intramat is-siġra tal-Milied magħmul bil-ganċ mill-grupp tal-crafts.

Fis-16 ta' Diċembru 2023 ser issir festin għat-tfal fis-sede azzjoni kattolika.
Fl-20 ta' Diċembru 2023 ser issir festin għall-anzjani fi sede azzjoni kattolika.
Fil-21 ta' Diċembru ser issi ħarġa għal-familja kollha fin-Nigret Night Club.

**Sports**

F' Gunju ġie organiżżat Summer league fil-grawnd tal-futbol u f' Novembru 2023 ġiet organizzata attivita bir-roti fil-pjazza 4 ta' Settembru 2023.

Fil-21 t' Ottubru l-kunsill reġgħa ikkolabora mal-assoċċjazjoni tal-Malta Seaplanes Roberts Cup 2023.

Fix-xahar t' Ottubru bdiet issir Zumba Classes mill-instractor Maroushka Falletta fejn qed tkun ta' suċċess ġewwa l-iskola pirmarja tal-Isla kull nhar ta' Tnejn fis-7pm.

**Edukattiv**

F'Awissu u f' Novembru tqassmu kits tax-xjenza mill-Kunsill Lokali tal-Isla flimkien mal-COSI, Center of Science and Industry fl-istati uniti u Esplora Interactive Science Centre lil iskola Primarja St. Margaret College Senglea Primary School. Dan sabiex inħeġġu aktar l-istudenti jesploraw fix-xjenza.

Il-Kunsill Lokali iffirma MoU bejn il-kunsilli lokali tal-Birgu, l-Isla, Bormla, u l-Kalkara flimkien mal-Fondazzjoni eSkills Malta sabiex fil-lokalita' tal-Isla jibqgġu issiru sezzjonijiet ta' E-Skills fejn fix-xhur li għaddew kienu ta' suċċess għall-istudenti tal-iskola Primarja tal-Isla u nanniet tagħħhom b'hekk kulħadd ikun inkluż fid-dinja diġitali li l-anzjani tallum qed jinstabu fiha.

Il-Kunsill lokali tal-Isla jħeġġeġ aktar studenti kemm żgħar u kbar sabiex jaqraw iktar u jmorru aktar il-librerija kemm biex jieħdu xi ktieb għall xi studju tagħħhom u aktar u aktar biex inħeġġu aktar l-passatemp tal-qari. Fil-Librerija jiġu organizzati xi craft kultant żmien bħal xi okkazzjonijiet tal-Haloween jew tal-Milied jew għal-Jum L-Isla għalhekk il-kunsil iħeġġeġ biex ir-residenti jżuru aktar il-paġna tal-face book tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu aġġornati dwar dwn l-attivitajiet. Il-Librerija reġgħet ġiet restawrata mid-dipartiment tal-artijiet wara ħsarat li ġgarbu fuq is-soqfa mill-appartamenti tal-gvern li jinsabu ta' fuq il-librerija.

**Konklużjoni**

Is-Sena 2023 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-isfidi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi, speċjalment wara li l-binja tal-uffiċċini tal-kunsill qed isoffru minn ħsarat maġġuri il-kunsill lokali tal-Isla irnexxilu jġieb diversi fondi minn skemi differenti li ġew imsemmija f'dan ir-rapport.

Il-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Nittamaw li is-sena 2024 tkun aħjar sabiex inkomplu nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin biex intejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill kif ukoll jissieħeb fuq il- paġna tal-Face Book Kunsill Lokali l-Isla għalhekk inħeġġukom biex tidħlu fiha sabiex tkunu tafu aktar bl-attivitajiet u l-avviżi li jkunu qed isiru.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv